

# Il-Kappella ta' Santa Katerina ta' Lixandra f'Ħal Qormi

Kitba ta' Dr Joseph F. Grima

Ħal Qormi hu post ta' abitazzjoni li l-istorja tiegħu tmur lura bosta sekli tant li nsibuh f'dokumentazzjoni tas-seklu ħmistax għalkemm dan ir-raħal kien ilu jeżisti sekli sħaħ qabel. Għaldaqstant, ma jistax jonqos li l-wirt storiku u kulturali Qormi ma jkunx estensiv. Fost dan il-wirt, hemm numru ta' kappelli u hawnhekk ser nitfgħu ħarsitna fuq waħda minnhom. Fi Triq Santa Katerina f'Ħal Qormi, triq li minnha jgħaddu l-purċissjonijiet prinċipali tal-parroċċa San Ġorġ, ilha mwaqqfa għal diversi sekli kappella ħelwa dedikata lil Santa Katerina li tat l-isem lit-triq li qegħda fiha. Qabel il-binja li naraw illum, kien hemm oħra bl-istess dedika li mhux magħruf meta nbniet u, għalkemm l-ewwel referenza dokumentata għaliha tmur lura lejn is-seklu sittax, eżattamernt is-sena 1575, il-probabbiltà hi li kienet inbniet fil-Medju Evu.



*Il-faċċata tal-Kappella ta' Santa Katerina ta' Lixandra f'Ħal Qormi.*

## Il-Kappella Oriġinali

Minkejja li l-kappella oriġinali daż-żmien hemm oħra flokha, insibu xi tagħrif dwarha li nisiltuh mill-Visti Pastorali li perjodikament kienu jitwettqu mill-Isqfijiet. Bħalma diġà semmejna, l-ewwel referenza hi tas-sena 1575 meta l-Inkwiżitur ta' Malta, Monsinjur Pietru Dusina, wettaq Vista Appostolika fil-gżejjer Maltin. Dusina żar Ħal Qormi fil-5 u s-7 ta' Frar u rrapporta dan li ġej dwar il-Kappella ta' Santa Katerina: kellha bibien tal-injam u titular (*icona*) impitter fuq l-injam iżda la kellha rettur, la renti u lanqas il-ħwejjeġ l-oħra neċessarji għaċ-ċelebrazzjoni tal-kult. Irrapporta wkoll li l-werrieta ta' Agata Cassia kellhom dar fil-qrib u kienu jieħdu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa bil-vespri u l-quddiesa.

Fir-rapport tal-Vista Pastorali tal-1588 li twettqet mill-Isqof Tommaso Gargallo, insibu li flimkien mal-artal prinċipali kien hemm tlieta oħra laterali; l-Isqof ordna li dawn iżarmawhom



*Il-pittura titulari li turi Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katerina li llum jinsab fil-mużew parrokkjali.*

u jkabbru l-artal titulari għax kien dejjaq. Skont il-Vista Pastorali tal-istess Isqof Gargallo fl-1598, il-Kappillan ta' Ħal Qormi kien jiċċelebra l-festa ta' Santa Katerina bil-kant tal-primi vespri u l-quddiesa. In-nies devoti tal-inħawi kienu jixgħelu l-lampier kull nhar ta' Sibt u jieħdu ħsieb tal-kappella. Għalkemm ma kienx hemm gandlieri fil-kappella, kien hemm in-neċessitajiet l-oħra kollha flimkien ma pittura titulari sabiħa (isejħilha *iconam decentem*) flimkien ma ventartal tad-drapp.

Fl-1636, fil-Vista Pastorali tal-Isqof Miguel Balaguer Camarasa nsibu xi tagħrif dwar il-bini nniffsu għax ir-rapport jgħid li l-knisja kienet ta' daqs deċenti (*decentis magnitudinis*) u li kien fiha tliet arkati, indikazzjoni li l-kappella kellha erba' taqsimiet u x'aktarx saqaf ċatt magħmul mix-xorok mqegħdin fuq l-arkati imsemmija li kienu jitilgħu mill-plieri mirfudin mal-ħitan. Il-kappella kienet tħares lejn il-Punent u l-bieb tagħha kien jinkludi tieqa ċkejkna (*finestrella*) li fiha kien hemm salib tal-ħadid. Ġewwa kien hemm artal adegwat tal-ġebel fuq tarġa li kellu l-ħwejjeġ tad-drapp neċessarji, gandlieri tal-injam, u ventartal tal-ġild indurat li fuqu kien hemm impittrin San Ġużepp u l-Bambin Ġesù. Fuq wara tal-artal kien hemm gwarniċ modern miżbugħ iswed li fih kien hemm pittura imqegħda fi frejm tal-injam.

Fl-1615, l-Isqof Baldassare Cagliares kien kiteb, inspjegabilment fl-opinjoni tiegħi, li t-titular kien jirrappreżenta lil San Pietru u lil San Anard iżda, b'kuntrast ma dan, fl-1635 l-Isqof Balaguer Camarasa jiddeskrivi b'dettalji kwadru li jurina *Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katerina* fejn naraw lil din il-qaddisa, akkumpanjata minn żewġ anġli, għarkobtejha quddiem il-Madonna, il-Bambin Ġesù u San Ġużepp filwaqt li Ġesù qed idaħħal ċurkett fis-saba' ta' Santa Katerina. Iżid li l-arma ta' Agostino Bonavia tpittret fuq il-lemin fin-naħa t'isfel tal-pittura. Inkiteb ukoll li iben Agostino, li kien jismu Sebastiano, kien jixgħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u li kien iħallas biex issir quddiesa f'diversi Erbgħat fis-sena.

**Il-Kappella Preżenti**

Lejn l-aħħar kwart tas-seklu sbatax, xi ftit qabel l-1678, il-kappella nbniet mill-ġdid u, għall-kuntrarju tal-antika, ittellgħet tħares lejn il-Lvant. Fl-1678, l-Isqof Miguel Molina iddeskriva l-kappella l-ġdida bħala binja sabiħa (*di bella fabrica*) u kompla jfaħħarha bħala ċentru importanti għall-propagazzjoni tal-Fidi Kattolika u l-kult ta' Santa Katerina f'Malta. Fl-1747, l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan ħalla miktub li l-ispejjeż tal-binja l-ġdida kienu tħallsu parzjalment minn wirt ta' 40 skud li kien tħalla minn Agostino Bonavia minn Ħal Qormi. Skont l-Isqof Bartholomeo Rull fl-1758, il-kappella kienet ġiet konsagrata fl-1696 u dan jikkonferma t-tinqix tas-sena 1696 li tinsab fuq it-tieqa tal-faċċata fejn hemm ukoll

l-arma ġentilizja (illum imħassra presumibilment fl-okkupazzjoni Franċiża tal-1798) tal-Isqof Davide Cocco Palmieri li kkonsagraha u li kien l-Isqof ta' Malta bejn l-1684 u l-1711.

Il-faċċata eleganti fiha pilastru Toskan fuq kull tarf li huma marbutin flimkien permezz ta' gwarniċun li jipproġetta 'l barra u li taħtu hemm l-arma ġentilizja mħassra li diġà semmejniha. Fin-naħa ta' fuq hemm *bell-cote* (speċi ta' kampnar ċkejken b'qanpiena waħda) li tinkludi pediment imponenti u li fiha s-sena 1797 imnaqqxa fiċ-ċava, li probabbilment tindika s-sena meta saret, jew meta nbidel il-fontispizju oriġinali, jonkella meta poġġew il-qanpiena fil-post. Il-bieb ewlieni hu rettangolari u hu mżejjen bi gwarniċa u pediment lixxi b'tieqa kwadra fuqu. Bejn il-pilastri u l-bieb kemm kwadranti mal-għoli kollu flimkien ma par twieqi fil-baxx, wieħed ma kull naħa tal-bieb. Hemm ukoll bieb f'kull ġenb tal-knisja. Fuq quddiem hemm zuntier żgħir.



*L-arma ġentilizja tal-familja Bonavia flimkien mal-iskrizzjoni 1681 SEBASTIANUS BONAVIA li tinsab fin-naħa t'isfel tal-pittura titular.*

Minn ġewwa, il-kappella għandha pjanta rettangolari b'saqaf troll (*barrel-vaulted*) fuq seba' ħnejjiet li jserrħu fuq ċinta. Fiha artal wieħed li kiteb dwaru l-Isqof Rull fl-1759 u ħa post artal tal-ġebel li, skont l-Isqof Alpheran de Bussan fl-1736, kien fi stat ħażin. Dan l-artal ġdid hu dokumentat li kellu niċċa b'relikwa qaddisa ta' Santa Katerina u li kellu żewġ xkafef flimkien ma gwarniċ imnaqqax fil-ġebel li fih kien hemm il-pittura titulari. Il-prospettiva u l-artal qegħdin taħt arkata. Il-prospettiva hi mogħnija b'lavur fil-ġebel u tikkonsisti f'pediment nofs-tond migdum fuq gwarniċun li taħtu hemm żewġ pilastri Toskani. Fuq il-parti quddimija tal-artal hemm inħażżin bl-iswed arma ta' Santa Katerina u d-dati 1904 u 1911 li juru meta l-frontispizju ngħata s-sura tal-irħam. Hemm bieb fuq kull naħa tal-artal li t-tnejn jagħtu għal sagristija li għandha wkoll bieb li minnu wieħed joħroġ għal wara l-kappella. Din il-kappella daż-żmien tintuża biex fiha jinżamm parti mill-armar tat-toroq tal-festa titulari.

Kelma dwar il-pittura titulari li daż-żmien tinsab ikkonservata fil-mużew parrokkjali. Diġà rajna li din il-pittura iddeskriviha l-Isqof Balaguer fl-1635 fejn qal li kienet donazzjoni ta' Agostino Bonavia. U hawn tiġi l-problema għax fl-1680 l-Isqof Molina kiteb li kienet pittura reċenti (*quadromoderno*). Il-kwadru li hemm fil-mużew parrokkjali jaqbel perfettament mad-deskrizzjoni tal-1635 iżda madwar l-arma ġentilizja tal-familja Bonavia hemm dawn il-kliem *1681 SEBASTIANUS BONAVIA*. Allura l-mistoqsija hi din: saret pittura minn Agostino qabel l-1635 li tbiddlet ma oħra identika minn ibnu Sebastiano fl-1681 jew qed nirreferu għall-istess pittura b'xi tibdil fl-isem u s-sena? Min jaf?